



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2014
COM(2014) 672 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/010 IT/Whirlpool)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli li japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) 1927/2006¹ (Ir-"Regolament tal-FEG").
2. L-awtoritajiet Taljani ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/010 IT/Whirlpool għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji minn Whirlpool Europe S.r.l u ħames fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni fl-Italja.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG:	EGF/2014/010 IT/Whirlpool
Stat Membru:	L-Italja
Reġjun(i) kkonċernat(i) (livell NUTS 2):	Provincia Autonoma di Trento (ITH2)
Data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni:	18.6.2014
Data tal-konferma li l-applikazzjoni waslet:	1.7.2014
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali:	2.7.2014
Data ta' skadenza għall-forniment tal-informazzjoni addizzjonali:	13.8.2014
Data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni:	5.11.2014
Kriterju ta' intervent:	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
Impriża primarja:	Whirlpool Europe S.r.l.
Settur(i) tal-attività ekonomika (Diviżjoni ta' NACE Rev. 2) ² :	Diviżjoni 27 ("Manifattura ta' tagħmir elettriku")
Numru ta' sussidjarji, fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni:	5
Perjodu ta' referenza (erba' xhur):	mill-10 ta' Diċembru 2013 sal-31 ta' Marzu 2014 ³
L-għadd ta' sensji jew waqfiet ta' attività matul il-perjodu ta' referenza (a):	608
L-għadd ta' sensji jew waqfiet ta' attività qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b):	0

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

³ L-awtoritajiet Taljani volontarjament qassru l-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013

Għadd totali ta' sensji (a + b):	608
Għadd totali stmat ta' benefiċjarji fil-mira:	608
Baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	3 024 000
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR)	126 000
Baġit totali (EUR)	3 150 000
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 890 000

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fit-18 ta' Ġunju 2014, l-awtoritajiet Taljani sottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/010 IT/Whirlpool fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Art. 4 tar-Regolament tal-FEG ġew issodisfati. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċiviet l-applikazzjoni fi żmien ġimgħatejn mid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni, fl-1 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Taljani fit-2 ta' Lulju 2014. Din l-informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mid-data tat-talba. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fih il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribut finanzjarju jiskadi fil-5 ta' Novembru 2014.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija marbuta ma' 608 ħaddiem li nġhataw is-sensja minn Whirlpool Europe S.r.l. ('l-impriża primarja') u ħames fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni: L-impriża primarja kienet topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 27 ta' NACE Rev. 2 ("Manifattura ta' tagħmir elettriku"). Is-sensji mogħtija mill-intrapriża kkonċernata jinstabu fir-reġjun tal-livell NUTS⁵ 2 Provincia Autonoma di Trento (ITH2).

Impriżi u għadd ta' sensji			
Whirlpool Europe S.r.l.	502	Euroristorazione S.r.l.	6
Ge@ Trentina Servizi s.c.	52	Girardini srl	40
Tecnoplast group S.r.l.	7	O.M.R. snc di Giacomini & Co	1
Għadd totali ta' impriżi: 6		Għadd totali ta' sensji:	608

Kriterju ta' intervent:

6. L-awtoritajiet Taljani sottomettew l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ li tal-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja jew li titwaqqaf l-attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'impriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jingħataw is-sensja fost il-fornituri u l-produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni tagħha.

⁴ Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqasim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

7. L-awtoritajiet Taljani volontarjament qassru l-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 l-perjodu ta' referenza huwa mill-10 ta' Diċembru 2013 sal-31 ta' Marzu 2014.
8. L-applikazzjoni hija relatata ma':
 - 502 ħaddiem li ngħataw is-sensja⁶ fl-impriża primarja matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur u
 - 106 ħaddiema ngħataw is-sensja mill-ħames fornitur u produttur fl-istadju aħħari tal-produzzjoni tal-impriża primarja matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur;

Il-kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Is-sensji ġew ikkalkulati kif ġej:
 - 454 mid-data meta l-impjegatur, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE⁷, jgħarraf bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi ppjanati. L-awtoritajiet Taljani, qabel tlestiet il-valutazzjoni mill-Kummissjoni, kienu kkonfermaw li dawn l-454 sensja kienu ngħataw tabilħaqq;
 - 18 mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur biex ikeċċi jew iwaqqaf il-kuntratt ta' impjegat tal-ħaddiem;
 - 136 mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjegat jew l-iskadenza tiegħu;

Benefiċjarji eliġibbli

10. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 608.


Rabta bejn is-sensji u l-kriżi ekonomika indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009

11. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, l-Italja ssostni li fl-2009, bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-ekonomija fil-livell tal-UE-28, kif ukoll l-ekonomija Taljana, għaddew minn tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku. Fl-2009, ir-rata ta' tkabbir tal-PDG (bidla perċentwali fuq is-sena preċedenti) kienet ta' - 4,5% fil-livell tal-UE-28 u - 5,5% fl-Italja. Fl-2010 u l-2011, l-ekonomija tal-UE-28 irkuprat u r-rati ta' tkabbir tal-PDG kienu ta' 2,0% u 1,6 % rispettivament, filwaqt li fl-2012 it-tkabbir tal-PDG fl-UE-28 kien għal darba oħra negattiv (- 0,4%) u kemxejn pożittiv (0,1 %) fl-2013. Ir-rata ta' tkabbir tal-PDG Taljan kienet pożittiva fl-2010 (1,7 %) u fl-2011 (0,4 %) u negattiva minn dak iż-żmien 'l hawn (- 2,4 % fl-2012 u -1,9 % fl-2013).

⁶ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-FEG.

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).


**Rata ta' tkabbir reali tal-PDG
(bidla perċentwali fuq is-sena preċedenti)**



Sors: il-Eurostat

12. Matul il-perjodu bejn l-2009 u l-2013, il-konsum tal-unitajiet domestiċi fl-Italja naqas f'erba' mill-ħames snin meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel rispettiva. Il-konsum tal-unitajiet domestiċi naqas ukoll fil-livell tal-UE-28, iżda flivell inqas.

**Konsum tal-unitajiet domestiċi
(2005 = 100)**



Sors: il-Eurostat

13. Din is-sitwazzjoni ta' reċessjoni kellha effett profond fuq l-għażliet tal-konsum tal-familji Taljani li kienu qiesu mill-għdid id-deċiżjonijiet tagħhom dwar ix-xiri, b'mod partikolari dawk relatati ma' xiri ta' oġġetti li jservu għal ħafna żmien. L-apparat domestiku jappartjeni għal dan il-grupp ta' prodotti.

14. Id-dejta disponibbli⁸ tikkonferma t-tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku fil-produzzjoni ta' NACE Rev. 2 diviżjoni 27 li jinkludu l-manifattura ta' apparat domestiku. Il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti ilu jonqos fl-UE-28 għal sitt snin konsekuttivi (2008-2013). It-tnaqqis ewlieni seħħ fil-perjodu 2008-2009. Fl-Italja, il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti segwiet l-istess xejra negattiva bħal fl-UE-28, iżda b'tnaqqis aktar qawwi.


**Produzzjoni fl-industrija (NACE Rev.2 diviżjoni 27)
Bidla perċentwali fuq is-sena preċedenti**

	2008	2009	2010	2011	2012	2013
UE-28	-9,2	-18,0	-0,3	-3,3	-3,8	-2,0
L-Italja	-13,8	-24,2	-6,3	-8,3	-8,6	-7,0

Sors: *il-Eurostat*

15. Skont id-dejta msemmija mill-awtoritajiet Taljani⁹, kif muri fil-grafika ta' hawn isfel, il-ħames l-akbar produtturi tal-apparat domestiku fl-Italja (Electrolux, Indesit, Whirlpool Europe, Franke u Antonio Merloni), sofrew tnaqqis qawwi fil-produzzjoni matul il-perjodu 2008-2012 minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja.

Produzzjoni ta' apparat tal-ħames l-akbar produtturi fl-Italja (2007-2012)



Sors: *Euromonitor International*

16. Sal-lum, is-settur tal-manifattura ta' tagħmir elettriku kien is-suġġett ta' tliet applikazzjonijiet tal-FEG¹⁰, kollha hemm huma bbażati wkoll fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-argumenti mressqa f'applikazzjonijiet preċedenti tal-FEG marbuta ma' dan is-settur jibqgħu validi.

⁸ Eurostat, Production in industry (NACE Rev.2 Division 27). Dejta annwali, bidla perċentwali. http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics/search_database

⁹ Euromonitor International, <http://www.euromonitor.com/>

¹⁰ EGF/2009/010 LT AB Snaige COM(2010) 008, EGF/2011/023 IT Antonio Merloni COM(2013) 90 u EGF/2014/010 IT Whirlpool, il-każ attwali.

Avvenimenti li jwasslu għal sensji u waqfien ta' attività

17. Il-grupp Whirlpool Europe għandu erba' impjanti tal-produzzjoni fl-Italja: Napoli (magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ), Siena (friżers,) Spini di Gardolo - Trento (friġis) and Cassinetta Biandronno - Varese (friġis, kukers u fran). F'Varese hemm ukoll il-kwartieri ġenerali għar-reġjun tal-Ewropa, il-Lvant Nofsani u l-Afrika (EMEA).
18. Minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja li wasslet għal tnaqqis sinifikanti tal-konsum tad-djar, is-suq Taljan għal apparat kbir tad-djar naqas minn 3 174 biljuni fl-2010 għal 2 649 biljun fl-2013. Dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 16,5 %.
19. F'dawn l-aħħar snin, il-Whirlpool għamlet investimenti fis-sit ta' Spini di Gardolo. Madankollu l-investment ma ħalliex l-effett mixtieq minħabba t-tnaqqis fid-domanda għal apparat kbir tad-djar u t-tnaqqis sussegwenti fil-produzzjoni (-170 000 unità matul il-perjodu 2008-2012 u -40 000 unità oħra fl-2013, li jirrappreżentaw tnaqqis fil-produzzjoni b'35 % fl-2013 meta mqabbel mal-2008).
20. Il-grupp Whirlpool Europe, li fl-ewwel nofs tal-2013 akkumula telf għal valur ta' US 14-il miljun fl-Ewropa, żviluppa pjan ta' negozju biex jaddatta l-istruttura tal-produzzjoni tiegħu għad-domanda tas-suq. Dan il-pjan kien jipprevedi l-għeluq tal-impjanti f'Norrköping (fl-Isvezja) and Spini di Gardolo (fl-Italja). Fit-28 ta' Ġunju 2013, Whirlpool Europe infurmat lill-partijiet interessati rilevanti bil-pjanijiet tagħha għall-għeluq tas-sit Taljan u s-sensji sussegwenti tagħha u fl-20 ta' Jannar 2014 l-impriża nnotifikat lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub bis-sensji kollettivi ppjanati.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

21. L-aktar komponent dinamiku tal-ekonomija tal-Provincia di Trento huwa s-settur tas-servizzi, fejn l-impjiegi ilhom jiżdiedu b'mod kontinwu. Fl-2013, 51 % tal-ħaddiema fil-Provinċja kienu impjegati fl-attivitàjiet tas-servizzi. F'termini ta' valur miżjud, is-settur tas-servizzi huwa predominanti (72,2 %), segwit b'qabża kbira mill-industrija (25,0 %) u l-agrikoltura (2,8 %).
22. Madwar 18 % tal-popolazzjoni attiva hija impjegata fl-industrija. L-impriżi industrijali fil-Provinċja, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma impriżi żgħar u ta' daqs medju, jinsabu fil-wied ta' Adige, f'Vallagarina u Valsugana. Dawn joperaw fis-setturi tat-tessuti, l-injam, il-karta u l-mekkanika. Madankollu, l-unika distrett industrijali li huwa definit formalment bħala tali huwa d-distrett tal-porfirju u l-ġebel (NACE Rev. 2 diviżjoni 23, "manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn"), li għandu madwar 452 impriża li jipproduċu aktar minn 1 400 000 tunnellata ta' minerali fis-sena (dejta mill-2012)¹¹.
23. Għalkemm il-Provinċja ta' Trento hija waħda mit-territorji l-aktar dinamiċi u kompetittivi fl-UE, l-industrija f'dan it-territorju kienet affettwata ħafna mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku mtawwal u li għadu għaddej. Id-dejta disponibbli¹² dwar il-varjazzjoni tal-fatturat tal-manifattura turi li l-valur tal-produzzjoni naqas fl-2012-2013 (-0.3%).

¹¹ Filiera del Porfido di Qualità, <http://www.trentinosviluppo.it/Contenuti-istituzionali/Press-room/Comunicati-stampa/Porfido-278-aziende-scommettono-sulla-filiera-di-qualita>

¹² Banca d'Italia (2013), L'economia delle Province autonome di Trento e di Bolzano, Economie Regionali, numero5; Banca d'Italia (2013), L'economia delle Province autonome di Trento e di Bolzano. Aggiornamento congiunturale, Economie Regionali, numero27.

24. Is-suq lokali tax-xogħol ġie affettwat mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku b'għadd sinifikanti ta' sensji f'setturi ewlenin ta' attività. Skont il-Banca d'Italia¹³, fl-2013 ir-rata tal-impjiegi naqset fil-Provinċja ta' Trento b'0,6 punti perċentwali għal 65,5 %, li huwa f'tit inqas mill-medja tal-grigal tal-Italja (66,2 %). It-tnaqqis fl-impjiegi laqat kemm lis-settur tal-kostruzzjoni (-10.3 %) u lill-industrija (-2.4 %).
25. Skont id-dejta minn ALPAT¹⁴ (l-Aġenzija tax-Xogħol tal-Provinċja Awtonoma ta' Trento), ir-reklutaġġ naqas b'1,6 % fl-2011 u bi 2 % fl-2012 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Ir-reklutaġġ ta' ħaddiema żgħażaġh (sa 29 sena) naqas b'5,8 % fl-2011 u b'6,7 % fl-2012 meta mqabbel mas-sena ta' qabel.
26. Ir-rata tal-qgħad irduppjat minn meta bdiet il-kriżi, u telgħet minn 2,9 % fl-2007 għal 6,1 % fl-2013. Is-sensji minn Whirlpool Europe S.r.l. — wieħed mill-ikbar impjegaturi fit-territorju sa ma għalaq — u l-fornituri u l-produttur fl-istadju aħħari tal-produzzjoni se jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali u se jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni tal-impjiegi fil-Provincia di Trento.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

27. L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 608. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	422	(69,41 %)
	Nisa:	186	(30,59 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	506	(83,22 %)
	mhux ċittadini tal-UE:	102	(16,78 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	32	(5,26 %)
	25-29 sena:	52	(8,55 %)
	30-54 sena:	462	(75,99 %)
	55-64 sena:	62	(10,20 %)
	'il fuq minn 64 sena:	0	(0,00 %)

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

28. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Sessjonijiet ta' informazzjoni, parteċipazzjoni u reġistrazzjoni: L-ewwel miżura offruta lill-parteċipanti kollha tinkludi informazzjoni dwar is-servizzi u l-programmi ta' taħriġ disponibbli u dwar ir-rekwiżiti ta' ħliet u taħriġ. Din hija wkoll l-opportunità għall-ħaddiema biex jipparteċipaw fil-miżuri biex jifformalizzaw ftehim ta' parteċipazzjoni u ta' interess.

¹³ Banca d'Italia (2013), L'economia delle Province autonome di Trento e di Bolzano, Economie Regionali, numero5; Banca d'Italia (2013), L'economia delle Province autonome di Trento e di Bolzano. Aggiornamento congiunturale, Economie Regionali, numero27.

¹⁴ ALPAT, Osservatorio del mercato del lavoro, <http://www.agenzialavoro.tn.it/agenzia/osservatorio>

- L-għoti ta' pariri u gwida. Il-konsulent jintervjeni immedjatament wara l-proċess ta' reġistrazzjoni u huwa figura ewlenija fil-proċess lejn l-integrazzjoni mill-ġdid f'impjieg. Il-konsulent biss għandu l-istampa sħiħa tal-iżvilupp tal-ħaddiem assenjat lilu. Il-konsulent jaqşam mal-ħaddiem "patt ta' azzjoni" li jiġi rivedut jew ikkumplimentat jekk meħtieġ. Il-konsulent se jipprovdu gwida vokazzjonali lill-ħaddiema ssensjati li jistgħu jaċċessaw servizzi tal-għoti ta' pariri fi kwalunkwe ħin fuq talba (jiġifieri meta jkollhom diffikultajiet biex jagħmlu għażliet, meta jħossu li s-sens ta' motivazzjoni tagħhom naqas jew sempliċiment meta jkollhom bżonn ta' appoġġ).
- Valutazzjoni tal-ħiliet. Dan hu maħsub biex jgħin lill-ħaddiema jidentifikaw il-ħiliet tagħhom u l-opportunitajiet relatati mal-interessi tagħhom u biex jistabbilixxu pjan realistiku għall-karriera tagħhom. Il-miżura, li tinvolvi l-għoti ta' pariri intensivi u personalizzati, hija strutturata bħala rotta li tikkonsisti minn għadd ta' stadji li fihom il-ħaddiem u l-konsulent jaħdmu flimkien fuq xi kwistjoni partikolari (eż. opportunitajiet, interessi, analiżi tal-motivazzjonijiet u l-istennijiet, u l-bqija). Wara li jsiru dawn il-valutazzjonijiet, titfassal karta sommarju li telenka fil-qosor il-ħiliet tal-ħaddiem, il-proġetti individwali tiegħu/tagħha u pjan ta' azzjoni.
- Taħriġ ġenerali u taħriġ mill-ġdid. Din il-miżura għandha l-għan li tħarreġ lill-ħaddiema f'erba' kompetenzi ddefiniti bħala l-kompetenzi ewlenin fir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja¹⁵: 1) Komunikazzjoni fl-ilsien nattiv; 2) Komunikazzjoni f'isna barranin; 3) Kompetenza matematika u kompetenzi bażiċi xjentifiċi u teknoloġiċi; u 4) Kompetenza diġitali. Dawn il-korsijiet jinkludu attendenza fil-klassi u tagħlim mill-bogħod biex jiġi evitat is-sindromu ta' "ritorn għall-bank tal-iskola".
- Taħriġ vokazzjonali. It-taħriġ vokazzjonali se jiffoka fuq setturi fejn jeżistu jew jinħolqu l-opportunitajiet, bħal dak tat-turiżmu; l-ikel u x-xorb; l-ambjent u r-riċiklaġġ tal-iskart; u l-bqija jew impjiegi li jeħtieġu liċenzja vokazzjonali bħal-liċenzji tas-sewqan għat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja; l-armor, iż-żarmar u l-ipproċessar tal-falk; is-sistemi tat-tiħin; u l-bqija
- Gwida personalizzata (Coaching). Din għandha l-għan li tħarreġ lill-ħaddiema fl-erba' kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja li mhumiex inklużi fit-taħriġ ġenerali u fil-miżura ta' taħriġ mill-ġdid: 1) Kapacià għat-tagħlim; 2) Kompetenzi soċjali u ċiviċi; 3) Sens ta' inizzjattiva u intraprenditorija; u 4) L-għarfien u l-espressjoni kulturali. Dan it-taħriġ huwa strukturat f'żewġ sessjonijiet individwali u tliet sessjonijiet fi gruppi (gwida personalizzata ta' tim).
- L-akkumpanjament wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg u l-akkumpanjament lejn l-intraprenditorija. Biex iħaffu t-tranżizzjoni l-mentors se jkomplu jiggwidaw lill-ħaddiema wara l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-akkumpanjament lejn l-ħolqien ta' negozju jew li wieħed jaħdem għal rasu se jikkonsisti fi tutoring personalizzat matul il-proċess kollu tat-tnedija tan-negozju (l-analiżi tal-fattibbiltà, u l-assistenza għat-tnejjija ta' pjan għan-negozju, appoġġ fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi, u l-bqija).

¹⁵ ĠU L394/10, 30.12.2006

- Provvediment sakemm jifittex impjieg. Għal kull ġurnata li fiha jkunu qed jieħdu sehem fil-miżuri tal-FEG, il-ħaddiema se jirċievu provvedimento li huwa l-ekwivalenti għal jum wieħed tal-provvediment Taljan għall-għajxien 'CIGS'¹⁶.
 - Provvediment għall-parteċipazzjoni u kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrbin meta jieħdu sehem fil-miżura, il-benefiċjarji se jirċievu EUR 20 għal kull jum ta' parteċipazzjoni.
 - Benefiċċju ta' għoti ta' impjieg: Dan il-pagament jibbenefika lill-ħaddiema ssensjati billi jiffaċilita l-impjieg mill-ġdid tagħhom taħt kuntratti b'terminu fiss jew permanenti f'kumpanija differenti. Għal impjieg mill-ġdid taħt kuntratti permanenti l-kumpanija li timpjega se tirċievi EUR 3 000 għal kull ħaddiem filwaqt li għal impjieg mill-ġdid taħt kuntratti b'terminu fiss ta' mill-inqas 12-il xahar, il-kumpanija li timpjega se tirċievi EUR 2 000 għal kull ħaddiem.
29. L-azzjonijiet proposti, deskritti hawnhekk, jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jiħdux post miżuri passivi ta' ħarsien soċjali.
30. L-awtoritajiet Taljani taw l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-impriżi kkonċernati bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont arranġamenti kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se tieħu post azzjonijiet bħal dawn.

Baġit stmat

31. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 3 150 000, li jinkludu nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 3 024 000 u nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità u ta' kontroll u rappurtar ta' EUR 126 000.
32. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 890 000 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (EUR) (*)	Spejjeż totali stmati (EUR) (**)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Sessjonijiet ta' informazzjoni, parteċipazzjoni u reġistrazzjoni (<i>Informazione e sensibilizzazione, presa in carico e patto di accompagnamento</i>)	608	6	3 500
L-għoti ta' pariri u gwida (<i>Counselling e patto di azione</i>)	500	379	189 500
Valutazzjoni tal-ħiliet (<i>Bilancio delle competenze</i>)	200	670	134 000

¹⁶ CIGS hija skema taħt il-liġi Taljana, li tikkonsisti minn benefiċċju finanzjarju mħallas mill-Istituto Nazionale della Previdenza Sociale-INPS (l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali) lill-ħaddiema sospiżi mix-xogħol jew li jkunu qed jaħdmu sigħat imnaqsa.

Taħriġ ġenerali u taħriġ mill-ġdid (<i>Formazione alle competenze ġenerali o trasversali</i>)	500	2 000	1 000 000
Tahriġ vokazzjonali (<i>Formazione specialistica / per patenti di mestieri</i>)	200	3 200	640 000
Gwida personalizzata (Coaching).	80	1 331	106 500
L-akkumpanjament wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg u l-akkumpanjament lejn l-intraprenditorija. (<i>Accompagnamento all'inserimento professionale</i>).	250	402	100 500
Subtotal (a):	–		2 174 000; (71,89 %)
Provvediment u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Provvediment tat-tiftix tal-impjieg (<i>Indennità di CIGS</i>)	200	300	60 000
Provvediment għall-partekipazzjoni u kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar (<i>Indennità di partecipazione o di frequenza</i>)	400	100	40 000
Benefiċċju ta' għoti ta' impjieg (<i>Inċentivi all'assunzione</i>)	250	3 000	750 000
Subtotal(b):	–		850 000 (28,11 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet preparatorji	–		14 687
2. Ġestjoni	–		61 840
3. Informazzjoni u pubbliċità	–		12 368
4. Kontroll u rapportar	–		37 105
Subtotal (c):	–		126 000 (4,00 %)
Spejjeż totali (a + b + c):	–		3 150 000
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)	–		1 890 000

(*) *Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem ġew arrotondati. Madankollu l-arrotondament ma għandu l-ebda impatt fuq l-ispejjeż totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni mressqa mill-Italja.*

(**) *It-totali ma jaqblux peress li ċ-ċifri huma arrotondati.*

33. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-

pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li dawn l-azzjonijiet jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitajiet ta' tiftix ta' impjeg jew taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

34. L-awtoritajiet Taljani bdew jipprovdu s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-4 ta' Frar 2014. Għaldaqstant, in-nefqa fuq l-azzjonijiet imsemmija fil-punt 28 għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-4 ta' Frar 2014 sat-18 ta' Ġunju 2016.
35. L-awtoritajiet Taljani bdew iġarrbu n-nefqa amministrattiva sabiex jimplementaw il-FEG fl-4 ta' Frar 2014. Għaldaqstant, in-nefqa għal attivitajiet ta' tnejn, ta' għestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità u ta' kontroll u rappurtar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-4 ta' Frar 2014 sas-18 ta' Diċembru 2016.

Il-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

36. Is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huma kif ġej: Whirlpool Europe S.r.l. (impriża primarja) għal ammont ta' EUR 1 200 000 f'appoġġ lill-eks-ħaddiema tagħha, u l-finanzjament pubbliku mill-INPS¹⁷ għal ammont ta' EUR 60 000.
37. L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex se jirċievu wkoll għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew l-imsieħba soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

38. L-awtoritajiet Taljani indikaw li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mal-ħaddiema u l-imsieħba soċjali.
39. Il-miżuri ppjanati, il-kontenut tagħhom, l-aspetti rilevanti tal-implimentazzjoni tagħhom (inkluż iż-żmien) ġew ippreżentati u diskussi mal-eks ħaddiema ta' Whirlpool tas-sit ta' Spini di Gardolo waqt il-laqgħat (15 b'kollox) li nżammu tul il-perjodu ta' Frar u Marzu tal-2014. Mill-ħaddiema kollha li ħadu sehem f'dawn il-laqgħat, 393 diġà rreġistraw bħala parteċipanti fil-miżuri.
40. L-imsieħba soċjali ġew involuti mill-bidu fil-ġestjoni tal-kriżi korporattiva ta' Whirlpool Europe Srl, fir-rigward tas-sit ta' Spini di Gardolo. Huma kienu element ewlieni fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati propost għall-finanzjament tal-FEG. Fl-1 ta' April 2014, ġie ffirmat ftehim li fformalizza l-parteċipazzjoni ta' dawn it-trejdjunjins mir-rappreżentanti tagħhom: *Rappresentanza Sindacale Aziendale di Confederazione Generale Italiana del Lavoro* (RSA di CGIL), *Confederazione Italiana Sindacati dei Lavoratori* (CISL), *Unione Italiana del Lavoro* (UIL), *Federazione Impiegati Operai Metallurgici* (FIOM), *Federazione Italiana Metalmeccanici* (FIM) u *Unione Italiana Lavoratori Metalmeccanici del Trentino*. Barra minn hekk, il-pakkett ta' servizzi ġie miftiehem ukoll mill-partijiet interessati ekonomiċi u soċjali rappreżentati fil-Bord tad-Diretturi ta' ALPAT (il-konfederazzjonijiet tat-trejdjunjins CGIL, CISL u UIL fi Trentino, *l-Associazione degli industriali del Trentino, Associazione degli Artigiani e delle Piccole Imprese*

¹⁷ Istituto Nazionale della Previdenza Sociale.

*del Trentino and Unione Comercio e Turismo del Trentino)*¹⁸. Il-partijiet interessati ekonomiċi u soċjali se jkunu involuti wkoll fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tat-tfassil mill-ġdid possibbli tal-miżuri, barra milli jkunu assoċjati fl-evalwazzjoni tar-riżultati.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

41. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. L-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jkun ġestit mill-Ministero del lavoro e delle politiche sociali - Direzione Generale per le Politiche Attive e Passive del Lavoro (MLPS — DG PALP) kif ġej: MLPS — DG PALP — Ufficio A (eks-DG POF - Div. VII) se jaġixxi bħala l-awtorità ta' ġestjoni, MLPS — DG PALP — Ufficio B (eks-DG POF - Div. VI) bħala l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u MLPS — DG PALP — Ufficio C (eks-DG POF - Div. II) bħala l-awtorità ta' awditu. ALPAT se jkun il-korp intermedjarju għall-awtorità ta' ġestjoni.

Impenji mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat

42. L-awtoritajiet Taljani taw il-garanziji kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom;
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew sodisfatti;
 - meta l-impriżi li jkunu taw is-sensja jkomplu l-attivitajiet tagħhom wara t-tkeċċijiet, huma jkunu kkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jirregolaw l-għotjiet tas-sensja u jkunu pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq;
 - l-azzjonijiet proposti jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għal kumpaniji jew setturi li qeġhdin jiġu ristrutturati;
 - l-azzjonijiet proposti mhux se jirċievu għajjnuna finanzjarja minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni u mhu se jitħalla jsir l-ebda finanzjament doppju;
 - l-azzjonijiet proposti jkunu kumplimentari ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali;
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

43. L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹⁹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) fil-limitu massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011) minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.
44. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-

¹⁸ L-Assoċjazzjoni tal-Industrijalisti ta' Trentino, l-Assoċjazzjoni tal-Artiġjani u Impriżi ta' Daqs Żgħir ta' Trentino u l-Għaqda tal-Kummerċ u t-Turiżmu ta' Trentino.

¹⁹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, u meta jitqies l-ammont massimu possibbli ta' kontribut finanzjarju mill-FEG u l-ambitu għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 1 890 000, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi mogħtija kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

45. Id-deċiżjoni proposta, li jiġi mobilizzat il-FEG, se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²⁰.
46. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit tal-2014 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi ta' impenn, kif mitlub fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013.

Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

47. Se jintużaw approprjazzjonijiet allokati lil-linja baġitarja tal-FEG fil-baġit tal-2014 biex ikopru l-ammont ta' EUR 1 890 000.

Atti relatati

48. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 890 000 fl-intestatura baġitarja rilevanti.
49. Fl-istess waqt li tadotta l-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG.

²⁰ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/010 IT/Whirlpool)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006²¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²², u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kien stabbilit biex isostni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu waqqfu l-attività tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009²³, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u sabiex jgħinjom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) L-Italja ssottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji²⁴ minn Whirlpool Europe S.r.l. u ħames fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni fit-18 ta' Ġunju 2014 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali kif stipulat fl-Artikolu 8.3 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 890 000 għall-applikazzjoni sottomessa mill-Italja,

²¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

²² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²³ ĠU L 167, 29.6.2009, p.26.

²⁴ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-FEG.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 890 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President